MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 811/2000/1

**Parklane Investments Limited**

**v.**

**Luigi u Pauline konjugi Portelli**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fit-28 ta' April 2000, li tghid hekk:
"Peress illi b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Mejju, 1973 fil-kawza fl-ismijiet "Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius u l-P.L. Joseph Busuttil nominati b' digriet

tat-12 ta' Marzu, 1973 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalita' tieghu ta' Managing Director tas-socjeta' Parkland Investments Limited' il-proprjeta' koncessa b'emfitewsi perpetwa lill-atturi ossija porzjoni diviza mit-territorju ta' Wied Rini fil-kuntrada tal-Fantin, il-Bahrija limiti tar-Rabat tal-kejl superficjali ta' cirka tnejn u ghoxrin tomna giet dikjarata rexissa u l-atturi kkundannati jirrestitwixxu l-art in kwistjoni u dan skond kopja legali tal-atti gjudizzjarji relattivi li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata bhala dokument A.

“Peress illi l-atti gudizzjarji fuq imsemmija u s-sentenza moghtija hija nulla u bla effett fil-ligi stante illi kien hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi u peress li dik il-vjolazzjoni gabet lill-atturi pregudizzju illi ma' jistax jissewwa xort' ohra hlief billi s-sentenza fuq imsemmija tigi annullata.

“Peress illi kif jirrizulta mill-atti processwali fuq imsemmija s-socjeta' Parklane Investments Limited qatt ma gie imharrka biex tidher imma tharrek, se mai, Winston Carbone bhala Managing Director tal-istess socjeta' li del resto la kien managing director tas-socjeta' attrici u lanqas ma kien hemm attentat sabiex jigi notifikat bl-atti gudizzjarji in kwistjoni.

“Peress illi jirrizulta mill-atti processwali fuq imsemmija illi l-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti gew nominati biex jirrapprezentaw lil Winston Carbone u mhux lis-socjeta' attrici stante li l-imsemmi Winston Carbone ma giex imharrek ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' attrici.

“Peress illi s-socjeta' attrici fl-1973 kellha zewg diretturi ohra apparti Winston Carbone u cioe' Inez Scicluna u Carol Calleja li kien assuma l-funzjoni ta' Managing Director fin-nuqqas ta' Winston Carbone li kien assenti minn Malta u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi B u C.

“Peress illi kien impellenti fuq il-konvenut Luigi Portelli biex jintavola citazzjoni ghar-rexissjoni tal-koncessjoni emfitewtika perpetwa biex iharrek zewg diretturi li kienu jirrapprezentaw is-socjeta’ attrici u dan skond kif jirrizulta mill-Ordinanza 10 tal-1962 u cioe’ Artikolu 121 (2).

“Peress li dawn iz-zewg diretturi fuq imsemmija fl-1973 kienu prezenti f’ Malta.

“Peress illi l-kuraturi deputati ma infurmawx b’ din ic-citazzjoni lil Winston Carbone u wisq inqas lis-socjeta’ attrici fl-ufficcju registrat tas-socjeta’ u d-diretturi l-ohra li kienu prezenti Malta u dan minghajr pregudizzju tal-fatt li huma ma gewx appuntati biex jirrapprezentaw l-interessi tas-socjeta’ attrici ai termini tal-ligi.

“Peress illi dan in-nuqqas gab pregudizzju serju lis-socjeta’ attrici li saret taf b’ din is-sentenza fuq imsemmija f’ dan l-ahhar zmien u dan minkejja li dik is-sentenza inghatat sebgha u ghoxrin sena ilu u l-konvenuti naqsu li jirregistrawha fir-Registru Pubbliku a konoxxenza tas-tas-socjeta’ attrici u ta’ terzi.

“Peress illi s-socjeta’ attrici ipotekat versu terzi din l-art u dahlet f’ negozji ma’ terzi ghat-trasferiment tal-istess art u dan qabel ma kienet konxxja ta’ din is-sentenza fuq imsemmija.

“Peress illi jinhtieg illi l-proceduri intavolati bl-att giudizzjarju fuq imsemmi u cioe bl-atti processwal sas-sentenza tal-24 ta’ Mejju, 1973 fil-kawza citazzjoni numru 210/73 fl-ismijiet “Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius et noe” jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi u ma jifformawx stat in konfront tas-socjeta’ attrici.

“Jghidu l-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atti giudizzjarji konsistenti fic-citazzjoni numru 210/73 fil-kawza fl-ismijiet “Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius et noe” jigu dikjarati nulli u

bla effett fil-ligi u ma jifformawx stat in konfront tas-socjeta' attrici.

2. Illi konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi l-proprejta' koncessa in emfitewsi perpetwa b'att tas-16 ta' Lulju 1969 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis konsistenti f' porzjoni diviza mit-territorju ta' Wied Rini fil-kuntrada Tal-Fantin, Bahrija limiti tar-Rabat, tal-kejl superficjali ta' 22 tomna, konfinanti mit-Tramuntana ma' raba ta' Mikelina Camilleri, mill-Lvant ma' raba ta' Ganni Gauci u mill-Punent ma' art tal-werrieta ta' Carmelo Cassar Torreggiani hija u ghada propjeta' ta' Parklane Investments Limited.

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"Illi t-talba principali attrici hi rritwalment proposta u l-azzjoni hi nulla stante li s-socjeta' attrici ma' adoperatx ir-rimedju lilha reservat mill-ligi biex titwaqqa' sentenza li ghaddiet f'gudikat.

"F' kull kaz, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"Ghaldaqstant il-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u tiddikjara nulla l-azzjoni odjerna billi mhijiex proponibbli skond il-ligi u ghalhekk tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

"L-ispejjes jigu sopportati mis-socjeta' attrici."

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

“Illi kif gia inghad din is-sentenza qed tigi pronunzjata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta illi kif gia ukoll inghad tirrigwardja n-nullita’ tac-citazzjoni billi skond li-stess konvenuti l-atturi ma adoperawx ir-rimedji li taghtihom il-ligi biex titwaqqa’ sentenza illi ghaddiet in gudikat.

“Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza ma hemmx kontestazzjoni fuqhom. Il-konvenut ottjena sentenza kontra s-socjeta attrici fl-24 ta’ Mejju 1973 fil-kawza fl-ismijiet Luigi Portelli vs Dr Lino Agius nomine li permezz taghha gie dikjarat li l-art in kwistjoni li l-konvenuti fil-kawza kienu akkwistaw minghand l-attur in enfitewsi kellha tigi ritornata lill-istess attur. Wara dan iz-zmien l-atturi f’ din il-kawza qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-istess sentenza.

“Fil-fehma tal-Qorti hu importanti li qabel wiehed jidhol fir-raguinijiet ghat-talba attrici, irid jigi ezaminat jekk talba simili hijiex ammissibbli. Fil-fatt l-eccezzjoni tal-konvenuti hija f’ dan is-sens.

“Il-ligi tal-procedura taghna tipprovdi ghall procedura tar-ritrattazzjoni f’ kazijiet specifici fejn ghal xi raguni is-sentenza in kwistjoni ikollha xi difett li kien ikollu effett fuq l-esitu tas-sentenza kieku ma esistix, jew li ippregudika serjament id-dritt tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni ghall smiegh gust. Skond l-artiklu in kwistjoni ossija l-artiklu 818 (2) tal-Kap 12, f’ kull kaz ma tistax tintalab ritrattazzjoni wara hames snin li l-kawza tkun ghaddiet in gudikat. L-artiklu 819 imbaghad jghid li dan il-perjodu huwa perentorju.

“L-iskop ta’ dan hu evidenti u cioe li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta’ incertezza indefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta’ drittijiet akkwisiti wara process gudizzjarju.

“L-atturi dan fehmuh u infatti ma istitwewx citazzjoni a bazi ta’ l-artikoli rigwardanti r-ritrattazzjoni izda qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ nullita’ tas-sentenza in kwistjoni u li din is-sentenza ma tifformax stat fil-konfront taghhom.

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-atturi ma huma jaghmlu xejn hlief, taht sembjanza ohra jippruvaw jittentaw forma ohra ta’ ritrattazzjoni. Ma ghamlux dan kjarament minhabba li kien ghaddilhom iz-zmien u qed jittentaw li jaslu ghall istess effett billi fic-citazzjoni juzaw dicitura differenti ghal dik uzata fir-ritrattazzjoni. Fil-fatt, fil-waqt li f’ kawza ta’ ritrattazzjoni tintalab it-thassir tal-kawza u li l-kawza tinstema mill-gdid, f’ din il-kawza qed tintalab it-thassir tas-sentenza u d-dikjarazzjoni li l-istess ma taghmilx stat fil-konfront taghhom. In effetti ghalhekk qed tintalab li s-sentenza tigi annullata ghaliex it-tieni talba hija konsegwenzjali ghall akkoljiment tal-ewwel talba u sentenza li ghaddiet in gudikat tista tigi biss annullata meta tintalab ritrattazzjoni. Dan apparti l-fatt li f’ certu sens it-talbiet huma konfliggenti (ghaliex dak li hu null ma ghandhu ebda effett fil-konfront ta’ kulhadd). Ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tippermetti lill-atturi jipproponi forma ta’ ritrattazzjoni taht vesti ohra ghaliex b’ dan il-mod tkun qed tiftah tieqa li thassar ghall kollox l-istat ta’ certezza imsemmi iktar qabel fejn jidhlu drittijiet akkwisti permezz ta’ sentenzi ta’ dawn il-Qrati.

“Ghall kull buon fini il-Qorit taghmel riferenza ghad-diversi sentenzi citati mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu specjalment ghall l-iktar wahda ricenti *“Bugeja vs Azzopardi”* deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Gunju 2001 li ticcita sentenzi ohra. Fost affarijiet ohra per ezempju l-Qorti qalet:

*““L-ebda disposizzjoni fil-Ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk din il-Qorti mhiex se tisma l-provi dwar x’ kienet il-procedura segwita f’ kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mill-Ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata.*

“Fil-kawza ***“Gerada –vs- Caruana”*** imsemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal:

*““L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz*

*ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga tqajjem kwistjoni rigward taghha u terga tiftaha."*

Rat l-appell interpost mis-socjeta` attrici;

Rat ir-risposta mressqa mill-konvenuti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2006; rat ukoll id-digriet taghha ta' dik id-data li permezz tieghu cahdet it-talba ta' Moira Balzan, Simon Balzan, Joseph Borg, Victoria Borg u J.E.M. Investments Ltd. sabiex dawn jintervjenu fil-kawza;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

L-aggravju tas-socjeta` appellanti gie hekk sintetikament espost:
"Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fil-fatt illi l-kawza in ezami ma kenitx kawza ta' ritrattazzjoni kif fehmet l-ewwel Qorti imma kienet kawza bazata fuq il-fatt illi s-sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 1973 mill-Qorti tal-Kummerc *ma tifformax stat in konfront tas-socjeta` attrici stante* illi kienet kawza intavolata kontra Winston Carbone li kien jinsab barra minn Malta dak iz-zmien."

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Mejju, 1973 (erroneament indikata fir-rikors ta' appell bhala li nghatat fit-12 ta' Marzu 1973). Bis-sahha ta' dik is-sentenza koncessjoni ta' proprjeta` b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lis-socjeta` attrici giet rexissa u terminata. Is-socjeta` attrici qed tissottometti li hi ma kenitx parti f'dik il-kawza, qatt ma giet notifikata bl-istess u kien irregolari li proprjeta` taghha giet mehuda minn taht idejha in forza ta' decizjoni ta' Qorti wara kawza li fiha hi ma kenitx parti. Is-

socjeta` attrici, ghalhekk talbet, fl-ewwel lok, li d-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tigi dikjarata nulla u bla effett u l-istess tigi dikjarata li ma taghmilx stat in konfront tas-socjeta` attrici.

Il-konvenuti bhala l-ewwel eccezzjoni, issollevaw in-nullita` tac-citazzjoni stante li s-socjeta` attrici ma adoperatx ir-rimedju lilha riservat mil-ligi biex titwaqqa’ sentenza li ghaddiet f’gudikat.

L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata laqghet din l-ewwel eccezzjoni u ddikjarat ic-citazzjoni nulla peress li mhijiex proponibbli skond il-ligi.

Issa, ma hemmx dubju li t-talba tas-socjeta` attrici in kwantu talbet dikjarazzjoni li “l-atti gudizzjarji konsistenti fic-citazzjoni numru 210/73 fil-kawza fl-ismijiet **‘Luigi Portelli v. Av. Dr. Lino Agius et’** jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi” u ghalhekk li effettivament id-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-24 ta’ Mejju 1973, hija nulla u bla effett, <u>hi improponibbli</u>. Is-socjeta` attrici f’din il-kawza mhix qed tressaq appell mis-sentenza moghtija fl-24 ta’ Mejju 1973, u lanqas ma hi qed titlob ir-ritrattazzjoni taghha; is-socjeta` attrici qeghda titlob in parti dikjarazzjoni li l-atti gudizzjarji u konsegwentment dik is-sentenza huma nulli u bla effett fil-ligi.

Il-procedura ta’ “*restitutio in integrum*”, li qed tadotta s-socjeta` attrici, kienet tezisti fil-ligi antika ta’ pajjizna, u l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom d-diskrezzjoni biex, f'cirkostanzi spjecali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-*Praetor Ruman*, u l-Imhallfin taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-isess poteri u fakultajiet li kellu dan l-ufficjal; dan ir-rimedju, kien fil-fatt uzat biex tithassar sentenza meta l-gudikant kien ihoss li, fic-cirkostanzi specjali tal-kaz, hekk kien jixraq.

Meta fis-seklu dsatax, gie promulgat il-Kodici ta’ Procedura, dan ir-rimedju ma giex inkorporat fil-Kodici l-gdid, u giet, minflok, regolata s-sistema ta’ ritrattazzjoni. B’din l-ahhar procedura, sentenza li ghaddiet in gudikat,

tista’ wkoll tigi mhassra, izda biss f’cirkostanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f’terminu preskritt u bil-procedura appozita. Il-Legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definittiva tkun tista’ tigi mhassra fi kwalunkwe zmien jew ghal kwalunkwe raguni li jkun lest jaccetta l-gudikant; ic-cirkostanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza, ma baqghux aktar fid-diskrezzjoni tal-gudikant (li seta’ jaccetta jew ma jaccettax cirkostanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b’mod oggettiv u limitatat hafna fil-ligi.

Minkejja din il-bidla, kien hawn, pero` min baqa’ jahseb li l-istitut ta’ ritrattazzjoni ma sosstitwix l-istitut antik ta’ “*restitutio in integrum*”, u dan peress li l-Kodici ta’ Procedura l-gdid, ghalkemm ma jirreferix ghal dak l-istitut, ma jhassrux espressament. Il-gurista Malti, Paolo Debono, fl-istudju tieghu “*Storia della Legislazione”* jghid (pag. 323), li l-istitut ta’ ritrattazzjoni kien mahsub biex jelimina l-abbuzi li kienu jsiru minhabba l-incertezza li kien johloq ir-rimedju antik Ruman. Fl-1861, pero` l-Imhallef Salvatore Naudi kien ta decizjoni (riportata fil-Volum II.226) fejn esprima l-opinjoni li l-Kodici ta’ Procedura l-gdid ma kienx hassar ir-rimedji l-antiki, u l-Qorti xorta wahda kien baqaghlha l-poter li thassar sentenza kull meta, fid-diskrezzjoni taghha, kien jidhrilha opportun.

Din l-incertezza baqghet tipprevali ghal certu zmien, sakemm din l-Qorti, f’decizjoni importanti li tat fit-12 ta’ Lulju 1965, fil-kawza **Misrahi v. Cassar** qalet car u tond illi r-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum* bhala stitut indipendenti ta’ impunjazzjoni ta’ sentenzi definittivi ghandu jitqies li gie abbolit meta, fis-sistema tal-ligi taghna, gie organizzat l-istitut tar-ritrattazzjoni. Din il-posizzjoni giet konfermata minn din l-istess Qorti fil-kawza **Degabriele v. Gulia** deciza fil-5 ta’ Frar 1968, fejn intqal li r-rimedju ta’ *restitutio in integrum* “mill-introduzzjoni tar-rimedju tar-ritrattazzjoni limitata ghal kazijiet specifici, m’ghadux jezisti izjed fis-sistema legali taghna riferibilment ghas-sentenza”.

Din l-istess posizzjoni ttiehdet minn din il-Qorti fil-kawza **Cauchi v. Dimech et** deciza fit-13 ta’ Lulju 1995, fejn

spjegat illi r-rimedji biex tigi attakkata sentenza definittiva tal-Qorti huma l-appell u r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni; kieku kien mod iehor, osservat din il-Qorti, allura sentenza qatt ma ssir definittiva u qatt ma jista' jkun hemm ezekuzzjoni taghha.

Recentement din il-Qorti, fil-kawza **Bugeja v. Azzopardi** deciza fid-19 ta' Gunju 2001, regghet osservat li l-ligi procedurali tistabilixxi tassattivament ir-rimedji ta' l-appell u tar-ritrattazzjoni biex jigu impunjati sentenzi; m'humiex konsentit li jigu adottati xi rimedji ohra oltre dawk dettati mil-ligi. Il-kuncett tar-*restitutio in integrum*, kompliet tghid din il-Qorti, m'huwiex aktar accessibbli f'cirkostanzi bhal dawn sa mill-promulgazzjoni tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Ordinanza numru XI tal-1856 li introduca l-istitut ta' ritrattazzjoni. It-talba ghat-thassir ta' sentenza kienet saret fuq allegazzjoni ta' nuqqas tan-notifika tac-citazzjoni lill-parti telliefa, u din il-Qorti kienet osservat li raguni simili kellha tikkomprendi wkoll l-opportunita` ta' ritrattazzjoni minhabba n-nuqqas ta' notifika ta' l-Avviz ghas-Smigh kif kontemplat fl-Artikolu 811(b) ta' l-imsemmi Kodici; dak l-ilment barra mir-rimedju ta' ritrattazzjoni ma setax jigi kkunsidrat.

Din il-Qorti tinnota li anke l-Prim Awla tal-Qorti Civili, kienet hadet din il-linja f'sentenzi taghha, bhal, per ezempju, id-decizjoni moghtija fis-7 ta' Novembru 1989, fil-kawza **Sciberras v. Hili**, u dik moghtija fl-14 ta' Far 1997, fil-kawza **Giordmaina v. Vella**.

Illum, jista' jizdied, hemm rimedju iehor biex tigi mhassra sentenza definittiva, barra mir-rimedji indikati ta' appell u ritrattazzjoni, u dan bil-procedura ta' rikors kostituzzjonali meta jkun allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ara **Cuschieri v. Prim Ministru et**, deciza fis-7 ta' Frar, 1996).

Din il-Qorti, fil-kawza **Drago D'Aragona v. Micallef et**, deciza fit-8 ta' Novembru 2004, affermat il-principju "res judicata pro veritate habetur", u, wara li ghamlet riferenza ghall-kawza **Cassar Parnis v. Soler noe**, deciza fil-11 ta'

Marzu 1949, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, adottat is-segwenti insenjament ta’ dik il-Qorti:
“… darba li l-kawza tispicca rrevokabilment, m’hemmx rimedju legali aktar biex il-kontestazzjoni terga’ tigi miftuha, … Mhux bizzejjed li jista’ jinghad li l-gudizzju seta’ forsi kien ingust, … sabiex dan il-princpju jigi mhassar jew moderat; …

“Huwa minnu li dan il-principju jista’ jidher, fuq ezami superficjali u mill-ewwel daqqa ta’ ghajn, mhux ekwu, anzi inekwu; imma meta jigi kunsidrat li l-legislatur jaghti lil kull interessat f’dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqaghha bhala li tkun nulla, u dak l-interessat ma jkunx haseb biex juza minn dawk il-mezzi, jew biex jisserva minn dak ir-rimedji, jew ma jkunx irid jisserva bihom, allura l-interessat fis-sentenza ma ghandux aktar ghalfejn jilmenta mill-konsegwenza ta’ l-inflessibilita` ta’ dak il-principju, gialadarba kien huwa stess li gab fuqu dik il-konsegwenza bl-inattivita` tieghu volontarja jew altrimentri, u jkun il-kaz li, jekk jilmenta, haqqu li jkun rinfaccjat bl-aforizma “damnun quod quis sua culpa sentit sibi debet non aliis imputare”…

“Illi jinghad ukoll li anke sentenza kuntrarja ghall-istess ligi, jew pronuncjata minn imhallef inkompetenti, meta ma tkunx tista’ tigi aktar ritrattata, takkwista awtorita` ta’ “res judicata”…;

“Minn dan jitnissel illi meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom <u>il-partijiet</u> jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenza anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati, anzi jigu traskurati huma ma jibqaghlhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-prezunzjoni tal-verita`, li ghandha jkollha s-setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta’ nullita`, peress li l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba.”
(sottolinear ta’ din il-Qorti)

Kwindi, in kwantu t-talba tas-socjeta` attrici hija indirizzata ghat-thassir tas-sentenza ta’ Mejju 1973, dik it-talba hi improponibbli u ma tistax tigi kkunsidrata.

Pero` t-talba tas-socjeta` attrici, ma tieqafx hawn. Hi qed titlob ukoll dikjarazzjoni fis-sens li l-imsemmija proceduri “ma jiffurmawx stat in konfront tas-socjeta` attrici”. Din it-talba hi differenti u ma twassalx ghar-revoka jew thassir tas-sentenza. Ovvjament sentenza taghmel stat u torbot biss fil-konfront ta’ dawk li jkunu parti fiha, u ma taghmilx stat fil-konfront ta’ persuni li ma jkunux parti fiha. Generalment, min ma jkunx parti f’kawza, mhux mehtieg jitlob dikjarazzjoni li d-decizjoni ahharija ma tolqtux, ghax bhala fatt, dik id-decizjoni tkun res inter alios acta ghalih. F’din il-kawza, pero`, is-socjeta` attrici qed tallega li ha ma kenitx parti fil-proceduri indikati u allura ma kellhiex tittehdilha l-proprjeta`; is-socjeta` attrici, fil-fatt, fit-tieni talba taghha qed titlob dikjarazzjoni li l-Qorti tal-Kummerc ghamlet hazin meta haditilha l-proprjeta` taghha meta hi ma kenitx parti fil-kawza.

Din il-Qorti trid taghmilha cara li hi mhix qed tippronunzja ruhha fuq l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li hi ma kentix parti fil-kawza deciza f’Mejju tal-1973. Dan hu l-meritu tal-kawza li ghad irid jigi mistharreg mill-ewwel Qorti. Dik l-Onorabbli Qorti trid tezamina l-okkju tal-kawza deciza fl-1973 u tiddeciedi jekk is-socjeta` attrici kenitx parti fiha jew le. Dak li qed tghid din il-Qorti hu biss li jekk persuna tallega li hi ma kenitx parti f’kawza, izda b’rizultat ta’ dik il-kawza ttiehdet proprjeta` taghha, dik il-persuna ghandha jkollha rimedju biex titlob dikjarazzjoni li hi ma kenitx “parti” f’dik il-kawza, li allura dik il-kawza ma taghmilx stat fil-konfront tagha, u l-proprjeta` taghha baqghet taghha.

Il-kwistjoni mhix wahda ta’ notifika, ghax nuqqas ta’ notifika ta’ xi parti jew zball procedurali fil-konfront ta’ parti, jista’ jigi rimedjat biss, kif intwera, b’appell jew ritrattazzjoni ta’ dik l-istess parti. Il-punt li jrid jigi deciz huwa jekk is-socjeta` attrici kenitx jew le “parti” fil-kawza msemmija u deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-24 ta’ Mejju, 1973. Dan il-punt ma giex affrontat mill-ewwel Qorti u allura hemm lok li l-atti ta’ din il-kawza jigu rimessi quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti biex din titratta u tiddeciedi dan il-punt fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess in parte, u tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha in kwantu iddikjarat li t-talba tas-socjeta` attrici biex jigi dikjarat li l-atti gudizzjarji konsistenti fic-citazzjoni numru 210/73 fil-kawza fl-ismijiet **Luigi Portelli v. av. Dr. Lino Agius et noe** huma nulli u bla effetti fil-ligi, mhijiex proponibbli u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ghal dik l-istess talba, pero`, tirrevokaha in kwantu ddikjarat li t-talba tas-socjeta` attrici biex jigi ddikjarat li l-atti msemmija ma jiffurmawx stat in konfront taghha mhux proponibbli, u minflok tiddeciedi li, fic-cirkostanzi, tali talba hi proponibbli u tista' tigi mistharrga mill-Qorti; l-atti ghalhekk qed jigu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex din titratta u tiddeciedi l-kawza limitatament fil-kuntest ta' din it-talba attrici, u salv, s'intenti u jekk ikun il-kaz, it-tieni talba attrici.

Peress li, b'din id-decizjoni, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet milqugha in parti u michuda in parti, il-Qorti tordna li l-ispejjez gudizzjarji in konnessjoni mad-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u ma' din is-sentenza, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------